A.L. 11 ta' l-2008

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti ta' l-2008 dwar Ċertifikat tal-Mewt u Kawża tal-Mewt

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26(b) ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Ċertifikat tal-Mewt u Kawża tal-Mewt.

Dmir li għandhom it-tobba.

2. Kull tabib għandu, kull meta tiġri mewt, minnufih jirrapporta lill-Pulizija u lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika dik il-mewt u l-kawża ta' dik il-mewt bil-miktub u skond il-formola stabbilita fil-forma li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

B 162

SKEDA

ĊERTIFIKAT TAL-MEWT U KAWŻA TAL-MEWT

(Regolament 2)

1. Isem u kunjom ……

2. Dokument ta’ l-Identità Nru……..

3. Sess: raġel □ mara □ mhux żgurat □

4.Età ….……

5.Data tat-twelid ……..…….……..

6. Meta l-mewt tkun ta’ xi tarbija jew tiġri fil-ġuf:

Piż fit-twelid (g):……. Tqala (ġimgħat)…….. Ħin tat-twelid…… ……..

7. Post tat-twelid ……....

8. Ċittadinanza …….…….……..

9. Residenza permanenti ……..……

10. Kif ikun/tkun impjegat/a:

j/taħdem □ diżokkupat/a □ pensjonant/a □ j/tibqa’ d-dar □ student/a □ mhux kapaċi j/taħdem □

11. Xogħol *(jekk il-persuna tkun irtirata, ikteb ix-xogħol li kellha q**abel**)* ……

12. Isem u kunjom tal-Ġenituri u jekk dawn humiex ħajjin jew mejtin ……
……

13a. Stat ċivili:

għażeb/xebba □ miżżewweġ/ġa □ armel/la □ stat ieħor □ (għid x’inhu): ……

13b. Meta jkun japplika, isem u kunjom il-konjuġi ……..…….

14. Siegħa, jum, xahar u sena meta ġrat il-mewt ……

15. Post fejn ġrat il-mewt ……..

16.

Kawża tal-mewt

Żmien kalkolat li għadda mill-marda/aċċident sal-mewt

I

Marda jew kondizzjoni li dirrettament wasslu għall-mewt*

a.……..……..…….…

minħabba fi (jew bħala konsegwenza)

Kawżi li seta' kien hemm qabel

Kundizzjonijiet ta' mard, jekk kien hemm qabel,li taw lok għall-kawża precedenti; dik il-kondizzjoni li kienet il-bażi ta' kollox titniżżel fl-aħħar

b. ……..……..……..

minħabba fi (jew bħala konsegwenza)

c. ……..……..……...

minħabba fi (jew bħala konsegwenza)

d.…..……..……

II: Kundizzjonijiet oħra sinifikanti Li kkontribwixxew għall-mewt iżda li ma jkellhomx konnesjoni mal-marda jew mal-kundizzjoni li dirrettament wasslu għall-mewt:

* M'għandhomx jintużaw ġrajjiet terminali p.e.arrest respiratorju iżda tissemma l-marda, il-feriment jew il-kumplikazzjoni li ikkaġunaw il-mewt.

17. Meta mewt tkun dovuta minħabba f'xi aċċident jew feriment:

Data meta jkun sar il-feriment:	Post fejn ikun sar il-feriment:	X'ta lok għall-feriment:	Feriment fuq ix-xogħol Iva ☐ Le ☐

18. Meta tkun mara għid jekk:

- il-mewt tkunx ġrat fi żmien ta' tqala: ☐

- il-mewt tkunx ġrat fi żmien 42 ġurnata wara t-tqala: ☐

- il-mewt tkunx ġrat bejn 42 ġurnata u sena wara t-tqala: ☐

19. Post tad-difna …… Numru ta' Permess tad-Difna ……

20.Isem u Kunjom tat-Tabib u numru mogħti lilu mill-Kunsill Mediku:
…….

21. Indirizz ……..……

22. Firma tat-Tabib ….……..……..……

23. Data ……...….

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA DS:

Struzzjonijiet għal min joħroġ iċ-ċertifikat

Kull informazzjoni għandha tkun ċara u tinqara sew. Tużax taqsiriet. Kull informazzjoni li tirrigwarda lill-mejjet kif mitluba mingħandek fuq iċ-ċertifikat tal-mewt, għandha timtela.

Para. 2: Numru tad-Dokument ta' Identità: Dan huwa importanti biex il-persuna mejta tkun tista' tiġi identifikata. Jekk in-numru tal-karta ta' l-identità ma jkunx disponibbli, għandu jitniżżel in-numru tal-passaport jew xi numru ieħor li bih il-persuna tkun tista' tiġi identifikata.

Para. 6: Għal imwiet ta' trabi u mwiet fil-ġuf: Għal kull mewt ta' trabi ***li jkollhom inqas minn sena*** u mewt fil-ġuf ikun importanti li l-piż fit-twelid jiġi reġistrat fi grammi, it-tqala f'għadd ta' ġimgħat mitmuma u jingħata l-ħin tat-twelid, minbarra d-data tat-twelid f'para. 5.

Para. 9: Residenza permanenti: Il-post fejn persuna tkun toqgħod huwa l-post fejn hija kienet regolarment residenti tul l-aħħar sena. Qatt m'għandek tniżżel bħala residenza waħda li tkun qegħda tintuża waqt xi viżta jew vaganza. Meta persuna tkun irrisjediet f'dar jew istituzzjoni għal żmien twil (ta' aktar minn sena) niżżel l-indirizza ta' dik id-dar jew istituzzjoni, inkella niżżel l-indirizz tar-residenza ta' qabel. Fil-każ ta' barranin li jkunu joqogħdu barra minn Malta (p.e. turisti) għandek tniżżel l-indirizz sħiħ tagħhom barra minn Malta.

Para. 11: Xogħol: Dan għandu jingħata sħiħ bl-iktar mod possibbli, fejn jiġi deskritt it-tip ta' xogħol magħmul u tan-negozju/industrija li dan ikollu x'jaqsam magħhom. p.e. ħaddiem fuq magna ġo fabbrika ta' l-għamara, għalliem fi skola sekondarja. Jekk il-persuna tkun iritrata, niżżel it-tip ta' xogħol li kienet tagħmel għall-***iktar*** żmien twil ta' ħajjitha fid-dinja tax-xogħol.

<u>Para. 16: Kawża tal-mewt:</u>

Taqsima I – qegħda għal kull mard jew kundizzjoni li jkollhom x'jaqsmu mas-sekwenza ta' ġrajjiet li direttament iwasslu għall-mewt. Fuq kull linja għandha tiddaħħal kawża waħda biss. Jekk il-kundizzjoni li titniżżel fuq il-**linja a** tkun irriżultat minn xi kawża oħra, din il-kawża oħra għandha titniżżel fuq il-**linja b**, u tibqa' sejjer hekk, sakem tiġi rappurtata s-sekwenza kollha. Ara li **dejjem** tniżżel xi tkun **il-kundizzjoni li kienet il-bażi tal-mewt** (il-marda jew il-feriment li taw lok għall-katina ta' ġrajjiet ta' mard li direttament wasslu għall-mewt, jew iċ-ċirkostanzi ta' l-aċċident jew vjolenza li taw lok għall-feriment fatali) fuq il-linja l-aktar fil-baxx f'Taqsima I li tintuza. Għal kull kawża indika l-aħjar intervall ta' żmien bejn x'ħin jiġi kalkulat li bdiet il-ġrajja u d-data tal-mewt. M'għandhomx jintużaw ġrajjiet terminali p.e. arrest kardjaku u arrest respiratorju.
Jekk insuffiċjenza f'xi organu bħal m'hi insuffiċjenza kardjaka konġestiva, insuffiċjenza epatika, insuffiċjenza renali jew insuffiċjenza respiratorja jitniżżlu bħala l-kawża tal-mewt, dejjem għandek tirrapporta il-kaġun ta' dik il-marda fil-linja(i) ta' taħtha. (p.e. insuffiċjenza kardjaka konġestiva sekondarja għal mard tal-qalb iskemiku).

Taqsima II – qegħda għal kull kundizzjoni oħra sinifikanti li ikkontribwiet għall-ġrajja fatali, iżda li ma kellhiex x'taqsam mal-marda jew mal-kundizzjoni li kienet il-kawża diretta tal-mewt.

Eżempji:

Tajjeb: Taqsima Ia. Metastasi fil-moħħ
Ib. Karċinoma primarja fil-pulmun

Ħażin: Taqsima Ia. Karċinoma primarja fil-pulmun
Ib. Metastasi fil-moħħ

Tajjeb: Taqsima Ia.Emboliżmu kawżat mix-xaħam
Ib. Frattura f'għonq il-femur
Iċ. Waqa' t-taraġ fid-dar tiegħu

Ħażin: Taqsima Ia. Emboliżmu kawżat mix-xaħam
Ib. Frattura tal-femur

Tajjeb: Taqsima Ia. Demm mil-variċi ta' l-esofagu
Ib. Ipertensjoni portali
Iċ. Ċirrosi fil-fwied
Id. Epatite kronika B

Taqsima II: Djabete mellitus

Ħażin: Taqsima Ia. Demm mil-varici ta' l-esofagu

Taqsima II: Ċirrosi fil-fwied

Para. 17: Mwiet dovuti għal aċċident jew feriment: huwa importanti li tingħata informazzjoni dwar il-ħin eżatt ta' l-inċident, il-post fejn ikun ġara l-feriment p.e. id-dar, fit-triq, f'ristorant eċċ. kif ukoll dwar kif ġara l-feriment p.e. waqt li kien qed jiżbogħ is-saqaf, kif ukoll jiġi indikat jekk l-aċċident ikunx ġara meta persuna kienet fuq ix-xogħol.

Para. 18. Stat ta' tqala: Hawn tingħata għajn ta' informazzjoni importanti li hi meħtieġa biex titqies il-mortalità ta' l-ommijiet.

Nota: Iżjed informazzjoni u eżempji dwar kif għandu jimtela ċertifikat tal-mewt jistgħu jitniżżlu mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u r-Ricerka fuq is-Saħħa li tinsab fi:
http://www.sahha.gov.mt/entities/healthinformation.html

Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni ta' *Data*: Id-Diviżjoni tas-Saħħa tittratta informazzjoni sensittiva personali b'mod kunfidenzjali, u tintrabat li tikkonforma ruħha ma' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, Kap. 440. Id-dettalji li jinsabu fuq dan iċ-ċertifikat jiġu biss żvelati lil dawk l-Entitajiet fi ħadan din id-Diviżjoni u kull awtorità oħra/korp ieħor permessi mil-liġi. Kull mistoqsija li jista' jkollok għandha tintbagħat lid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni u r-Ricerka fuq is-Saħħa, 95, G'Mangia Hill, G'Mangia PTA 1313 jew permezz ta' *e-mail* fuq <u>healthinfo@gov.mt</u>